MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2005

Numru 25/2004

Mallia Property & Developments Company Limited .

VS

Joseph Camilleri .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mitejn u hames lira maltin u sitta u sittin centezmu (Lm22005.66) rapprezentanti ammonti dovuti minnu bi hlas ghal diversi oggetti mixtrija minghand is-socjeta’ attrici kif jirrizulta mill-kopji tal-invoices annessi .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f’Awissu 2004 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-istess avviz .

Rat ukoll ir-riferta tal-konvenut li ggib id-data tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Ottubru, 2004 .

Rat in-nota ta’ l-istess konvenut, ta’ l-erbgha u ghoxrinn (24) ta’ Jannar, 2005, illi biha ammetta t-talbiet attrici, b’dana illi s-sentenza tkun esegwibbli f’kaz li l-kreditu pretiz ma jigix saldat sa zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, u li l-imghax jibda jiddekorri biss f’kaz ta’ dekadenza mill-obbligu tal-hlas fit-terminu msemmi .

Rat ukoll il-verbal tad-difensur tas-socjeta’ attrici, illi qablet mal-kundizzjonijiet ta’ din in-nota ta’ ammissjoni .

Il-Qorti ghal hekk, in vista ta’ din l-ammissjoni, tilqa’ t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mitejn u hames liri maltin u sitta u sittin centezmu (Lm2205.66), rapprezentanti ammonti dovuti minnu bi hlas ghal diversi oggetti mixtrija minghand is-socjeta’ attrici, u dana kollu kif jirrizulta mill-kopji ta’ l-invoices annessi ma’ l-istess avviz .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita f’awissu 2004, kontra l-konvenut, b’dana illi din is-sentenza ghandha tkun ezegwibbli biss fi zmien tlett xhur mil-lum, f’kaz illi sa dak inhar ma jkunx ghadu sar il-pagament dovut, kif ukoll illi l-imghaxijiet relattivi ghandhom jiddekorru biss f’kaz ta’ dekadenza mill-obbligu tal-hlas fit-termini msemmija .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------